MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 230/2006

Kawza fil-lista: 45

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u disgha u sebghin (1979), fil-Knisja Parrokjali tal-Fgura, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ difett serju ta’

diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenut illi jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg kif ukoll li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-terminu tal-paragrafu A Art. 19(1) Kap 255.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1979), huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafu (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li ma jipprezentax risposta, izda fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2005 iddikjara li "hu jaqbel mal-pretensjonijiet attrici";

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-25 ta' Mejju 1979 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali taghha jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [f], u dak tal-konvenut huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u ma thoss li m'ghandhiex taghtihom affidament.

**Kwadru tal-fatti**

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Mejju 1979 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 23 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin zmien twil. Illi matul il-perijodu ta' l-gherusija, il-konvenut li kien ibahhar, kien jaghmel perijodi twal, daqqa anke disa' xhur, il-boghod minn Malta, u inoltre, f' dak iz-zmien l-attrici kienet ghamlet zmien tghix l-Ingilterra. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal. Jirrizulta li konvivena matrimonjali bejn il-partijiet kienet wahda turbulenti ghall-ahhar, u sa mill-bidu nett u precisament fl-ewwel gimgha, il-konvenut kien infidil lejn martu. Di fatti l-attrici rrakkontat li <u>wara gimgha miz-zwieg</u> kienet marret tfittex lill-konvenut u sabitu go "hanut tan-nisa". Hija dak il-hin stess tefaghtlu c-curkett taz-zwieg, u kien sforz tal-perswazjoni tal-familjari taghha li hija kompliet tikkonvivi mal-konvenut, li peress li kien ibahhar, kien jaghmel zmien twil nieqes minn Malta.

Illi l-attrici tispjega li l-konvenut hu bniedem vjolenti, u kien piuttost imqareb meta kien ghadu zaghzugh, tant li kien ghamel xi zmien il-habs; u tghid li hija kienet baqghet mieghu peress li kienet tibza minnu, u peress li wkoll kien jhedded lilha u lil familjari taghha meta kienet tgharrfu li ma kellhiex il-hsbiex tizzewwgu. L-attrici kienet tibza' minnu peress li ta' spiss kien jerfa' jdejh fuqha. Fi kliemha: "jdejh kien ihobb jerfaghha hafna."[1] L-attrici ssostni li hja ma rieditx tizzewweg lill-konvenut izda dana kien

[1] Fol.22

jheddida, bil-konsegwenza li accettat li tizzewwgu kontra qalbha. Dan gie kkonfermat ukoll minn hutha u minn ommha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess, il-Qorti tirravvisa l-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafu [a] fil-konfront ta' l-attrici, u fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut.

Mill-provi jirrizulta, ukoll ammess u kkonfermat mill-konvenut, li l-attrici kienet izzewwget lill-konvenut, mhux volontarjament b' xelta libera, izda ghax kienet mhedda u mbezza' mill-istess konvenut li mhux l-ewwel darba, kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, sawwat lill-istess attrici. Huwa mill-bidu nett wera li ma kellux rispett lejha, u huwa bniedem li jekk ma tghaddix tieghu, jirrikorri ghall-vjolenza. Ommha l-attrici tghid: "Lil D kont niehdu bis-serjeta' [fit-theddid tieghu] ghax kien bniedem li jasal."

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li l-konvenut, fiz-zmien tal-kunsens matrimonjali kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-dmirijiet tal-hajja matrimonjali. Huwa ma kienx fehem l-obbligu ta' konvivenza matrimonjali bazata fuq il-benessere reciproku, izda, almenu f' dak iz-zmien, wera' li kien bniedem egoist li kien jara lill-attrici, is-siehba futura tieghu, bhala xi oggett li tista' tuzah, imbasta jibqa' that il-kontroll tieghu, u jekk hemm bzonn jirrikorri ghal vjolenza, kemm morali kif ukoll fisika.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafi [a] u [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 fil-konfront tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-25 ta' Mejju 1979; u tordna li ssir id-debita annotazzjoni fl-Att taz-Zwieg relattiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------